MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## MARIO SCERRI

Seduta tat-28 ta' Frar, 2011

Talba Numru. 57/2004

Joseph Portelli, u martu Rita Portelli

vs

Paschalino Cefai

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fis-7 ta’ Lulju 2004, li jaqra hekk :-

‘ Peress illi fis-16 ta’ Marzu 2004, ghall-habta tal-5.30p.m. il-konvenut volontarjament ghamel hsara u gharraq vettura tat-tip Ford Escort (numru ta’ registrazzjoni FBG 872) li hija proprjeta’ tal-attur, u dana billi dawwar iz-ziemel li huwa kien riekeb bis-serkin ghal fuq il-vettura (FBG-872), li dak il-hin tal-incident kienet qeghda tigi misjuqa mill-attur Joseph Portelli, u nafar ghal fuqha bir-rizultat li kkawzalu diversi hsarat fiha ;

Peress illi ghal dan l-incident jahti unikament il-konvenut li ghandu jwiegeb ghall-hsarat konsegwenzjali fl-ammont ta' hames mija u erba' u tletin lira Maltin u centezmu (Lm534.01), u dan kif jirrizulta mid-Dokument A hawn anness, u dana oltre l-ammont ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) dritt imhallas tas-survey report (Dokument B), u s-somma ta' disa' u ghoxrin lira Maltin u hamsin centezmi (Lm29.50) spejjez ta' kiri ta' karozza self-drive (Dokument C) – b'kollox is-somma ta ' hames mija u tmienja u tmenin lira Maltin u wiehed u hamsin centezmi (Lm588.51) ;

Jghid l-istess konvenut il-ghaliex m'ghandux :

(i) Jigi dikjarat unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni ;

(ii) Jigi kundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' hames mija u tmienja u tmenin lira u wiehed u hamsin centezmi (Lm588.51) f'danni kif spjegat hawn fuq ;

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-31 ta' Mejju 2004 (374/2004) u bl-ingunzjoni tal-istess konvenut ghas-subizzjoni.

Bl-imghax skond il-ligi.';

Illi l-konvenut permezz tar-risposta tieghu pprezentata fl-10 ta' Awwissu 2004, eccepixxa :-

' Illi preliminarjament dan it-Tribunal ma jistax jisma' dan il-kaz qabel ma tigi deciza l-kawza istitwita mill-konvenut dwar l-istess incident liema kawza hija pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri ;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost t-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt, u dan stante illi l-incident li sehh fis-16 ta' Marzu 2004, gara unikament tort tal-attur Joseph Portelli illi b'mod doluz saq l-vettura tieghu Ford Escort bin-numru FBG 872 ghal fuq il-konvenut li kien qed isuq iz-ziemel tieghu, liema ziemel kellu jigi maqtul u mahruq per konsegwenza tal-incident ;

Bl-ispejjez kontra l-atturi.' ;

Sama' l-provi ;

Ra l-atti kollha tal-kawza, u d-dokumenti esibiti ;

Ra l-atti tal-kawza fl-ismijiet: Paschalino Cefai vs Joseph Portelli (Avviz numru 22/2004), li giet deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Inferjuri fis-26 ta' Frar 2009 ;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza ;

Ikkunsidra :

Illi din il-kawza tittratta incident stradali li sehh fi Triq Ghajn Mhelhel, Zebbug, Ghawdex, nhar is-16 ta' Marzu 2004, waqt li l-konvenut kien ghaddej riekeb is-serkin migbud miz-ziemel, u l-attur kien qed isegwih fl-istess direzzjoni jsuq il-van tieghu tat-tip Ford Escort bin-numru ta' registrazzjoni FBG 872. F'hin minnhom kien hemm impatt li fih kemm iz-ziemel u s-serkin tal-konvenut, kif ukoll il-vettura tal-attur garbu diversi danni ;

Dwar ir-responsabbilita' ghall-akkadut, gia' hemm gudikat bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Inferjuri fil-kawza li kien hemm bejn l-istess partijiet fl-ismijiet inversi (Avviz numru 22/2004) li giet deciza fis-26 ta' Frar 2009, fejn sabet lill-konvenut odjern unikament responsabbli tal-incident, u li l-attur odjern ma kkontribwixxa bl-ebda mod ghal dak li gara. Ghaldaqstant dan it-Tribunal la jhoss li huwa prudenti li jaghmel apprezzament mill-gdid tal-provi dwar ir-responsabbilita', u lanqas ma jista' jerga' jinvesti din il-kwistjoni ta' responsabbilita' l-ghaliex *tantum judicatum quantum discussum*. Inghad li 'Gudikati precedenti u l-konstatazzjoni tal-fatti li jimplikaw fil-konfront tal-partijiet ghandhom jigu mehudin bhala decizivi ghax ghall-partijiet jaghmlu stat definittiv.' [Prim'Awla, **Anni Cuschieri vs Paolo Vella noe**, 30/06/1965 – Kollez. XLIX.ii.1001]. Inghad ukoll li : 'Il-ligi ma tghidx li d-dispozittiv tas-

sentenza ghandu jirrivesti f'xi forma sakramentali, izda tiddisponi biss li kull dikjarazzjoni li l-Qorti trid li tkun deciziva jew obligatorja ghandha tkun imdahhla fid-dispozittiv. Jekk id-decizjoni ma thallix dubju dwar x'inhi l-volonta' tal-gudikant li ppronunzjaha, dik id-decizjoni tikkostitwixxi gudikat.' [Prim'Awla, **Carmela Zarb et vs Felice Binnici**, 12/02/1959, Kollez Vol. XLIII.ii.631]. F'sentenza ohra tal-Qorti tal-Appell Sede Civili, fil-kawza fl-ismijiet **Caterina Gerada vs Avv. Antonio Caruana** (07/03/1958), gie deciz kolleggjalment li : 'Huwa veru li l-motivazzjonijiet fis-sentenza jiswew biex jiddeterminaw il-vera portata tal-punt deciz, b'mod li, ghalkemm l-awtorita' tal-gudikat tkun dejjem u eskluzivament fid-dispozittiv, is-sens ezatt u gust tad-dispozittiv u l-estensjoni legittima tieghu jkunu determinati u spjegati fil-motivazzjonijiet, anzi 'xi drabi jigri illi d-decizjoni ma tkunx interament fil-parti dispozitiva tas-sentenza, imma tkun anki fil-parti razzjonali taghha, meta fil-motivazzjoni tigi definita u rizoluta xi kwistjoni, b'mod li dik il-parti tifforma haga wahda mad-dispozittiv, li kollha flimkien jiffurmaw il-gudikat.' [Kollez. XLII.i.98] ;

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-ewwel talba ;

Dwar it-tieni talba, il-konvenut la ressaq ebda eccezzjoni u lanqas ma ressaq ebda provi biex jikkontesta d-danni pretizi mill-attur. Jirrizulta mill-provi li l-attur sofra diversi hsarat fil-vettura tieghu li mir-rapport tas-surveyor Charles Attard a fol.5 jirrizulta li l-hsara sofferta mill-attur kienet tammonta ghal hams mija u erba' u tletin liri Maltin u centezmu (Lm534.01), illum ekwivalenti ghal elf mitejn u tlieta u erbghin Euro u wiehed u disghin centezmi (€1243.91). Jirrizulta mill-atti li l-attur ghamel dawn it-tiswijiet u ssaldahom kif jinsab ikkonfermat mill-ircevuti a fol.49 sa 53 tal-process. L-ispejjez tas-survey gew jammontaw ghal hamsa u ghoxrin liri Maltin ohra (Lm25), illum ekkwivalenti ghal tmienja u hamsin ewro u tlieta u ghoxrin centezmi (€58.23), u kemm il-vettura damet ghat-tiswija, l-attur kera karozza minghand Marcel Buttigieg, u ghal dan hallas disgha u ghoxrin liri maltin u hamsin centezmi (Lm29.50) ohra, illum ekwivalenti ghal tmienja u

sittin ewro u wiehed u sebghin centezmu (€68.71), kif jirrizulta mill-ircevuta a fol.7 ;

Fin-nuqqas ta' kontestazzjoni ta' dawn id-danni pretizi mill-konvenut, dan it-Tribunal iqis l-istess danni gustifikati meta l-istess danni, l-ispiza tat-tiswija taghhom, meta giet certifikata minn persuna kwalifikata, u gew esebiti r-ricevuti fiskali li *prima facie* huma prova li dawn l-ispejjez gew saldati mill-attur ;

It-talba attrici ghalhekk tirrizulta gustifikata ghall-ammont ta' elf tliet mija u sebghin Euro u hamsa u tmenin centezmi (€1370.85) ;

Ghall-motivi premessi dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi jilqa' t-talba tal-atturi u jikkundanna lill-konvenut li jhallashom is-somma ta' elf tliet mija u sebghin Euro u hamsa u tmenin centezmi (€1370.85) ;

L-imghaxijiet fic-cirkostanzi jibdew jiddekorru b'effett mis-26 ta' Frar 2009, meta giet deciza l-kawza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Inferjuri, fil-kawza fl-ismijiet inversi (Avviz Numru 22/2004), sal-effettiv pagament.

Spejjez a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------